# Beati u Qaddisin...Jannar

## SAN SEBASTJAN

## 20 TA' JANNAR



San Bastjan kien ufficjal fl-armata rumana, rispettat bhala suldat tajjeb u ezemplari, sahansitra minn shabu pagani u onorat bhala xhud awtentiku tal-knisja ta' Kristu mill-insara. Imwieled gewwa Narbonne, Sebastjanu gie Ruma madwar is-sena 284. Huwa sab lit-tewmin nsara, Marcus u Marcellinus gewwa l-habs minhabba l-fidi taghhom, u meta kienu qrib li jcedu ghat-talbiet tal-familjari taghhom huwa nkoraggihom biex ma jichdux lil Kristu, anzi li jmutu ghalih.

Alla kkonfermalu kliemu b'miraklu: dawl kbir idda madwaru waqt li kien qed jitkellem. Bit-talb tieghu hu fejjaq il-morda u b'din il-qawwa

divina huwa mexxa' lill-bosta ghall-fidi nisranija, fosthom il-Prefett ta' Ruma flimkien ma' ibnu Tiburtius. Huwa ra lid-dixxipli tieghu jmutu quddiem ghajnejh u wiehed minnhom dehrlu biex ihabbarklu li t-tmiem tieghu huwa fil-qrib.

Gara li wara l-konverzjoni tal-Prefett ta' Ruma, il-prefett irtira fid-dar tieghu fil-Campania, u ha taht il-protezzjoni tieghu numru kbir ta' ahwa konvertiti biex hemm ikun fis-sigur. Issa problema nqalet bejn Polikarpju, sacerdot u San Sebtasjan min minnhom kellu jibqa' Ruma biex ihares l-interessi ta' dawk li kienu jaspiraw li jsiru nsara. Kull wiehed minnhom kien herqan li jibqa' Ruma minkejja li l-periklu ghalihom fil-belt kien kbir hafna. Kien il-Papa li ddecieda bejnithom; ra li l-knisja ta' Ruma ma setatx toqghod minghajr is-servizz ta' Sebastjan billi dan kien jidhol kullimkien minhabba x-xoghol tieghu ta' suldat. Sebastjan kompla jaqdi l-missjoni tieghu sakemm jum wiehed dixxiplu falz ittradih. Qabduh u kaxkruh quddiem Dioklezjanu u ghall-kmand ta' l-imperatur kellu jinghata il-mewt billi jisparalu l-vlegg sakemm imut.

Wara li sparawlu l-vleggeg hasbuh li miet u hallew.  Imma Alla ried li xi nsara jigbru l-gisem tieghu u meta sabu li kien ghad fadallu hajta nifs, haduh biex jikkuraw u wara zmien rega' sab ruhu fuq saqajh.

Mar quddiem l-imperatur u talbu biex iwaqqaf il-persekuzzjoni kontra l-insara.

Din id-darba Dioklezzjanu mhux biss irrifjuta li jaghmel dan izda ordna li jkun imsawwat ghall-mewt bil-lembubi.

Sebastjan miet taht id-daqqiet bla hniena u mar quddiem Alla jigbor il-hlas tal-martirju.

Il-hajja tieghek taghtik opportunitajiet li tahdem ghall-fidi nisranija u tressaq erwieh vicin Kristu. Itlob l-ghajuna ta' San Sebastjan.

Huwa la kien sacerdot u anqas religjuz, imma suldat li kien ihabbat wiccu ma' hafna nies.